Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2012

Numru. 664/2012

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**CAROL PERALTA LL.D.**

Illum 9 ta' Gunju, 2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN PULIS**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**

**VS**

**ROSETTE BORG**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Rosette Borg detentrici tal-karta tal-identita` numru 540078M.

**Akkuzata talli:**

F’dawn il-Gzejjer, nhar is- 7 ta` Gunju 2012 ghall-habta tal-hdax ta` filghaxija (23:00hrs) gewwa Birzebbuga:

1. ingurjat, jew hedded jew ghamlet offiza fuq WPC313 Christine Bonnici persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet ghamlet dan is-servizz, jew bil-hsiebli tbezzaha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

2. talli fl-istess data, lok u hin attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta` xort’ohra li ma titqiesx bvjolenza pubblika kontra WPC313 Christine Bonnici persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta` ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita` kompetenti;

3. talli fl-istess data, lok u hin ikkagunat griehi ta` natura hafifa fuq WPC313 Christine Bonnici u dan skond kif iccertifika Dr. Keith Cardona MD reg. 3027 mic-centru tas-sahha ta` Rahal Gdid;

4. talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi bil-lejl kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew mod iehor;

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m'obdietx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew ma` halliethomx jew fixklithom waqt il-qadi ta` dmirijiethom, billi ma hallietx lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista` jaghmel, jew billi gabet fix-xejn jew hassret dalk li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi;

6. u aktar talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi waqt li kienet xurbana, qalet fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti;

7. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi habtet bibien, jew cemplet qniepen tad-djar jew ta` bini iehor ta` haddiehor;

8. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh pubbliku, kienet fis-sakra b'mod li ma kienetx tista` tiehu hsieb liha nnifisha.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta` ta` WPC313 Christine Bonnici.

Rat id-dokumenti;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 95, 96, 221 tal-Kapitolu 9, l-Artikoli 338 (dd), 338 (ee), 338 (bb) u 338 (m) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li semghet il-provi mressqa;

Din il-Qorti ssib lill-imputata hatja kif akkuzata u ghaldaqstant tikkundanna lill-imputata ghall-erba` (4) xhur prigunerija sospizi ghal sena taht supervizjoni ai terminu tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

Il-partijiet ma talbux sospensjoni tas-sentenza.

DR. CAROL PERALTA, MA (Human Rights and Democ.), LL.D.
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------